MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 167/2004

**Fr. Louis Camilleri in rapprezentanza tal-Moviment ta' Kana u b'nota tal-25 ta' Ottubru 2006 Fr. Joseph Mizzi assuma l-atti tal-kawza minflok Fr. Louis Camilleri**

**vs**

**Crest Publicity Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur nomine fid-29 ta' Marzu, 2004 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm3,926.41) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta mis-socjeta' konvenuta lill-attur in konnessjoni mall-pubblikazzjoni tal-magazine 'Familja Kana', u dan oltre interessi fuq l-istess, mid-data meta kellu jsir il-pagament sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta’ l-avviz, ta’ l-ittra ufficjali datata Dicembru 2003, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-ammont mitlub huwa kompensat u eccedut minn ammont ta’ danni sofferti milll-eccipjenti meta l-attur kiser l-obbligi kontrattwali tieghu kif jirrizulta mill-kontrotalba infraskritta.

Rat in-Nota ta’ Kontrotalba tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:
1. Illi l-attur jigi kkundannat ihallas lil Crest Limited somma ta’ danni li tigi likwidata minn din il-Qorti, liema somma m’ghandhiex teccedi l-hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghal fini ta’ kompetenza. Dawn id-danni gew ikkagunati meta l-attur naqas illi jaghti right of first refusal fuq kuntratt gdid wara li gie terminat il-kuntratt li kien effettiv bejn il-partijiet.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ l-attur nomine ghall-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepixxa:
1. Illi l-ammont mitlub fil-kontro talba bhala danni huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt fost l-ohrajn, stante li l-kuncett ta’ *right of first refusal* huwa kkunsidrat kontra l-kompetizzjoni gusta u dunque null u minghajr effett kif kien deciz mill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust kif ser ikun trattat waqt il-kawza.
2. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Jidher illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali illi tmur lura sas-sena 1981. Din giet terminata fl-1999 meta l-attur nomine ddecieda li ma jkomplix bis-servizzi ta’ reklamar li kienet tipprovdi s-socjeta’ konvenuta. Din l-

ahhar socjeta' kienet giet imqabbda biex tipprovdi r-reklamar ghar-rivista "Familja Kana", ippublikata mill-Moviment Kana, illi taghha l-attur kien direttur. Is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu illi tigbor ir-reklami, tithallas ghalihom, u mbaghad thallas lill-Moviment Kana ammont patwit ghal kull pagna publikata. Jidher pero' illi s-socjeta' konvenuta qatt ma kienet puntwali bil-pagamenti. Minkejja illi hija kellha dritt li thallas sa' tliet xhur wara l-pubblikazzjoni tar-rivista, dan it-terminu qatt ma nzamm u dejjem hallset tardivament. Minkejja li fil-ftehim l-attur nomine kellu dritt illi jitlob l-interessi fuq pagamenti tardivi, dawn l-interessi qatt ma ntalbu.

Meta l-attur nomine ddecieda li ma jkomplix bis-servizzi tas-socjeta' konvenuta, kien ghad fadal pagamenti b'lura ta' seba' xhur, li huma fl-ammont indikat fl-avviz. A fol. 13, l-attur nomine jghid illi l-ahhar kuntratt mas-socjeta' konvenuta kien fl-1999, illi sar ghal sentejn b'estenzjoni ta' sentejn ohra. Wara l-gheluq ta' l-ahhar sentejn iddecidew li ma jgeddux. Ir-raguni li gab kienet id-diffikultajiet sabiex jithallsu minghand is-socjeta' konvenuta.

Fl-atti pero' hemm kuntratt esebit li jgib id-data tas-16 ta' Mejju 1995 [fol. 18] u peress illi l-partijiet ghamlu referenza ghall-klawzoli ta' dan il-kuntratt, presubilment dawn gew riprodotti fl-ahhar kuntratt ta' l-1999 illi sar bejn il-partijiet.

Id-direttur tas-socjeta' konvenuta, Victor Calleja, [fol. 68] jghid illi veru li kien ikun morus fil-hlas tal-pagamenti, pero' jghid, " … dina kienet xi haga li kienet ilha sejra mill-1981." Ma dan kollu l-pagamenti dejjem waslu. Ghamel referenza ghall-klawzola (i) tal-ftehim a fol. 18, fejn suppost is-socjeta' minnu rapprezentata kellha tigi moghtija d-dritt ta' *first refusal* fl-gheluq tal-kuntratt, liema dritt f'dan il-kaz ma giex moghti lilha. Kien ghalhekk, illi fil-kontro talba tieghu talab il-hlas tad-danni wara li dan id-dritt gie negat lilu. Esebixxa dokument a fol. 74 illi spjega l-kontro talba u qal illi din hija bazata fuq il-*performance* tal-kumpanija fis-snin ta' qabel. Spjega wkoll illi dehrlu ladarba l-attur nomine ddecieda illi jimxi b'dak il-mod, it-terminazzjoni tal-kuntratt minghajr l-ghoti tad-dritt *of first*

*refusal,* kellu jkun pacut mat-talba tad-danni illi ghamlet is-socjeta' konvenuta.

Minn naha l-ohra, l-attur nomine ghamel referenza ghall-klawzola (k) ta' l-istess kuntratt, li jistipola illi, "The party desiring to renew the agreement must give notice in writing to the other party of its intention to renew the agreement by not later than three months preceeding the date of expiry."

Hawnhekk qeda d-divergenza bejn il-partijiet, fejn qeghdin jaghtu nterpretazzjonijiet diversi ghal din l-ahhar klawzola u dik li ssegwi klawzola (i) d-dritt ta' *first refusal.*

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument illi gabet is-socjeta' konvenuta fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghha paragrafu 8 u 9 [fol. 85]. Huwa veru li dawn iz-zewg klawzoli (i) u (k) jridu jinqraw flimkien izda, ma jiddependux mir-rati godda illi kellhom jiddeciedu l-partijiet f'kuntratt gdid. Il-kliem huwa car u ma jaghti l-ebda lok ghal interpretazzjoni. Il-parti li tixtieq iggedded il-kuntratt kellha timmanifesta din l-intenzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma jaghlaq il-kuntratt. Darba l-parti tkun manifestat din ix-xewqa fl-gheluq tal-kuntratt, il-parti l-ohra li ma tkunx trid iggedded il-kuntratt kellha taghti d-dritt ta' *first refusal* ghal dik il-parti li tkun wriet ix-xewqa illi ggedded.

Quindi, s-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu, illi tliet xhur qabel ma jaghlaq il-kuntratt tavza lill-attur nomine illi kienet bi hsiebha ggeddu. Jekk l-attur nomine fl-gheluq il-kuntratt jkun ta' hsieb iehor, allura f'dak il-kaz, kellu jaghti d-dritt ta' *first refusal* lis-socjeta' konvenuta. Kif tajjeb argumenta l-attur fix-xhieda tieghu, ladarba s-socjeta' konvenuta ma mmanifestatx ix-xewqa taghha li ggedded il-kuntratt fit-terminu fuq indikat, hassu liberu li ma jgeddidx il-kuntratt u ma joffrix id-dritt ta' *first refusal* lis-socjeta' konvenuta.

Din hija l-unika tifsira li tista' tinghata lil dawn iz-zewg klawzoli, peress illi dak li inghad huwa car. Dan huwa konformi mat-taghlim tad-dritt Ruman illi, "Quoties in verbis nulla est ambiguitas, ibi nulla exposito contra verba fienda est." Meta it-tifsira tad-dokument miktub huwa car, l-ebda tifsira ma tista' tinghata li jmur kontra dak li jinghad. Dan huwa wkoll segwit mill-Qrati taghna fejn kellhom okkazjoni ghal diversi drabi illi jenuncjaw dan il-principju. Hekk insibu l-kawza fl-ismijiet VAB Company Limited vs Maria Isabella sive Marisa Turkdogan deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 2005, fejn il-Qorti qalet li fejn il-kliem tal-ftehim hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni. L-istess fil-kawza J. F. Nazzareno Vella noe. Vs Joseph Abela noe deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 2002, fejn il-Qorti affermat regola primarja ta' interpretazzjoni li gudikant jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie wzat mill-kontraenti. Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri, li jrid li jigi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu.

Il-partijiet riedu l-klawzoli fuq imsemmija, allura "pacta sunt servanda". Dak illi gie mifthiem irid jigi ossservat. Ladarba s-socjeta' konvenuta ma osservatx it-termini ta' l-istess kuntratt li ntrabtet bihom, u cioe' li hija timmaifesta l-intenzjoni taghha ta' tigdid tal-kuntratt tliet xhur qabel ma jaghlaq, allura l-attur nomine kien liberu illi jaghzel li ma jgeddidx il-kuntratt kif fil-fatt ghamel. U issa s-socjeta' konvenuta ma tista taghmel l-ebda reklam. [ara wkoll Francis u Pauline konjugi Abela vs Carl Bonello noe, Qorti ta' l-Appell 31 ta' Mejju 2002]

Ghal dak illi jirrigwarda l-kontro talba tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha dritt titlob id-danni. Apparti r-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti jidhrilha, illi s-socjeta' konvenuta ma mxietx sewwa ma' l-attur nomine meta hija abbuzat bil-pacenzja ta' l-istess attur b'pagamenti tardivi benoltre t-terminu lilha koncess. Il-fatt li dawn in-nuqqasijiet kienu ilhom sejrin mill-1981, ma jaghtu l-ebda gustifikazzjoni lis-socjeta' konvenuta. Anzi ghandha tirringrazzja lill-attur nomine illi kien daqshekk pacenzjuz maghha u ma gewx mitluba l-interessi ta' dawk

il-pagamenti tardivi kollha. Pero' ma tistax tuza din it-turija ta' rieda tajba kontra l-istess attur. Il-pacenzja ghandha l-limiti taghha u wara dak is-snin kollha, l-attur nomine ddecieda illi jwaqqaf is-servizzi moghtija mis-socjeta' konvenuta.

Jekk kien hemm xi hadd illi ghamel zball, u ma mexiex skond it-termini tal-kuntratt, kienet l-istess socjeta' konvenuta u ma tistax issa minfuq tiehu beneficcju fuq dan l-agir negattiv taghha. Kif ukoll jghallem id-dritt Ruman "Nullus commodum capere potest de injuria sua propria". Hadd ma jista' jiehu vantagg bin-nuqqasijiet tieghu.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-kontro talba tas-socjeta' konvenuta m'ghandhiex fondament u jisthoqq li tkun michuda.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallsu l-ammont ta' tlett elef, disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm3,926.41) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta minnha lill-attur nomine in konnessjoni mall-pubblikazzjoni tal-magazine "Familja Kana".

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz, kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------